MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 203/2013

Kawza fil-lista: 22

**A *sive* A B f'ismu proprju**

**u ghan-nom tat-tliet uliedu minuri C, DA**

**u E ahwa B**

**vs**

**F *sive* G B**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu talab li l-konvenuta tigi dikjarata kontumaci peress li ma kenitx ipprezentat risposta guramentata fit-terminu lilha moghti fl-udjenza precedenti liema terminu kien skada fl-24 ta' Dicembru 2014.

Rat rikors iehor tal-attur tas-7 ta' Frar 2014 li permezz tieghu talab li r-risposta guramentata tal-konvenuta mahlufa fis-17 ta' Jannar 2014 u pprezentata fl-20 ta' Jannar 2014 tigi sfilzata stante li giet ipprezentata fuori termine u b'hekk il-konvenuta tigi dikjarata kontumaci.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-6 ta' Marzu 2014 li permezz taghha qed topponi ghat-talba tal-attur.

Semghat ix-xhieda tal-konvenuta fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2014.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat li r-rikorsi thallew ghallum ghad-decizzjoni.

Ikkonsidrat.

Ir-rikors guramentat tal-attur tal-1 ta' Ottubru 2013 gie notifikat lill-konvenuta fit-23 ta' Ottubru 2013 bl-ewwel udjenza appuntata ghat-13 ta' Novembru 2013.

Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2013 dehret il-konvenuta u informat lill-Qorti illi kienet applikat ghall-Avukat tal-Ghajnuna Legali u ghalhekk il-kawza thalliet ghal-4 ta 'Dicembru 2013 biex jidhru l-partijiet assistiti mill-Avukati rispettivi taghhom. Fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2013 il-konvenuta informat lill-Qorti illi kien gie assenjat lilha l-Avukat tal-Ghajnuna Legali u ghalhekk il-Qorti taghtha ghoxrien jum minn dakinhar sabiex tipprezenta risposta guramentata u halliet il-kawza ghat-22 ta' Jannar 2014.

Fl-20 ta' Jannar 2014 il-konvenuta prezentat ir-risposta guramentata taghha li taghha l-attur qed jitlob l-isfilz ghar-raguni fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza.**

**Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-**

(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -

(*a*) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

(*b*) ir-raġuni tat-talba;

(*ċ*) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u

(*d*) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:

"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

**Artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.

Id-decizzjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

Issir referenza wkoll ghas-sentenza **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.

(Ara wkoll. **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

**Konsiderazzjonijiet**.

Din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu it-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi, elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju.

Il-konvenuta xhedet illi wara s-seduta tal-4 ta' Dicembru 2013 hija ma kenitx marret mill-ewwel ghand l-Avukat tal-Ghajnuna Legali lilha assenjatfi peress li kienet marida serjament u ma kentix fehmet li kellha tipprezenta atti tal-Qorti fi zmien ghoxrien jum. Sabiex tissostanzja dak minnha dikjarat ipprezentat certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib tal-Familja Dr Nichola J. Vassallo fil-21 ta' Gunju 2013 fejn jiccertifika li l-konvenuta kien sarilha dijanjosi ta' marda serja fi Frar 2011 u li kellha problemi medici li kien jehtieg attenzjoni urgenti.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata bir-rikors guramentat tal-attur fit-23 ta' Ottubru 2013. Ghalhekk kellha sat-12 ta' Novembru 2013 sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Risposta guramentata ma pprezentatx pero' dehret ghall-ewwel udjenza tat-13 ta' Novembru 2013 u informat lill-Qorti li kienet applikat ghall-Avukat tal-Ghajnuna Legali. Il-Qorti ghalhekk ma kkonsidratx li kienet kontumaci u ddifferiet il-kawza ghall-4 ta' Dicembru 2013 sabiex taghtiha l-opportunita' li tidher assistita.

Fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2013 regghat deheret il-konvenuta u informat lill-Qorti illi kien gie lilha assenjat l-Avukat tal-Ghajnuna Legali li pero' ma setghax jassistiha dakinhar peress li kien imsiefer. Ghalhekk il-Qorti stabbilit terminu gdid ta' ghoxrien jum minn dakinhar sabiex il-konvenuta tipprezenta r-risposta guramentata taghha. Il-konvenuta tallega li bejn l-4 ta 'Dicembru 2013 u l-24 ta' Dicembru 2013 hija kienet ma tiflahx u ghalhekk ma setghatx tmur ghand l-Avukat. Pero' l-ebda prova ma tresqet li f'dak il-perijodu ta' kwazi tlett gimghat ma setghatx tmur ghand l-Avukat taghha. Inoltre kieku verament dan kien il-kaz lanqas li wiehed kien jistenna kien li tikkomunika ma' l-Avukat tal-Ghajnuna Legali permezz tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni u kienet tigi gwidata x'ghandu jsir. Pero' jidher li ma ghamlet xejn minn dan u stenniet ftit jiem qabel l-udjenza tal-Qorti li kien imiss f'Jannar sabiex marret ghand l-Avukat meta allura t-terminu ta' ghoxrien jum kien skada.

Ic-certifikat mediku prezentat mill-konvenuta gie rilaxxjat fil-21 ta' Gunju 2013, circa hames xhur qabel l-udjenza imsemmija, u ghalhekk ma jistax jittiehed bhala prova li bejn l-4 ta' Dicembru 2013 u l-24 ta' Dicembru 2013 il-konvenuta ma setghatx tikkomunika mal-Avukat taghha. Difatti f'parti tax-xhieda taghha tghid li kien nuqqas taghha li ma kelmitx lill-Avukat.

Fil-fehma tal-Qorti il-konvenuta ma resqitx ragunijiet validi biex biex tiggustifika n-nuqqas taghha li tosserva t-terminu ta' ghoxrien jum mill-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2013 sabiex tipprezenta r-risposta guramentata taghha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara  u tiddeciedi:-

1. Illi ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap.12 il-konvenuta ma gabitx raguni tajba ghaliex naqset milli tipprezenta risposta guramentata fit-terminu legali;

2. Illi ghahekk l-konvenuta naqset milli tiggustifika l-kontumacja taghha,

3. Tiddikjara lill-konvenuta kontumaci;

4. Tordna li r-risposta guramentata tal-konvenuta tal-20 ta’ Jannar 2014 tigi sfilzata mill-atti.

Bl-ispejjez ta’ din id-decizzjoni a kariku tal-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------